MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 677/2007/1

**Nextweb Limited**

**vs**

**S.J.M. Computers Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Settembru, 2007 fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` elf, mitejn u disgha u erbghin lira maltita, tlieta u sebghin centezmu llum ekwivalenti ghal Euro 2,911.09c, rapprezentanti valur ta` servizzi rezi lis-

socjeta` konvenuta kif jirrizulta minn prospett anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond l-avviz legali 233 tas-sena 2005 kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 8 ta` Ottubru, 2007 fejn spjegat li hija kienet xtrat minghand is-socjeta` attrici b'kemm jiswew Lm500 cards telefonici u s-servizz provdut mis-socjeta` attrici fuq l-istess cards kien twaqqaf mill-istess socjeta` attrici. Fil-fatt is-socjeta` attrici kienet gabret lura cards simili minn outkets ohrajn. Illi permezz ta` ittra datata 15 ta` Jannar, 2007, is-socjeta` konvenuta tghid li hija kienet offriet li thallas is-somma minnha dovuta hekk kif tinghata refuzjoni ta` l-ammont ta` Lm500 fuq l-istess cards mixtrija jew altrimenti isir set off bejn iz-zewg socjetajiet. Is-socjeta` attrici rrifjutat u ghalhekk is-socjeta` eccippjenta ntavolat kontro talba flimkien mar-risposta taghha f`liema kontra talba qieghdha titlob sabiex is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta` Lm500 illum ekwivalenti ghal Euro 1,164.69c, rapprezentanti l-prezz ta` cards telefonici li nxtraw minghand is-socjeta` attrici li s-servizz taghhom kien gie mwaqqaf mill-istess socjeta` attrici kif spjegat fir-risposta.

Gie notat li ghalkemm is-socjeta` attrici baqghet ma pprezentat ebda risposta ghal kontro talba tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal xorta wahda kellu jezamina mill-provi prodotti jekk l-allegazzjoni hemm maghmula gietx ipprovata o meno mis-socjeta` konvenuta stante li tali allegazzjoni kienet qed tigi mressqa minnha.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` l-abbli difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li qed jirrimettu ruhhom ghal provi migjuba u kwindi li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi mal-prezentata ta` l-atti processwali miz-zewg nahat jidher li s-socjeta` konvenuta ma kinietx qieghedha tinnega li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici kien fil-fatt dovut minnha. Fil-fatt is-socjeta` konvenuta hadet il-linja illi mill-ammont minnha dovut kellha titnaqqas is-somma ta` Lm500 valur ta` cards telefonici mixtrija minnha li skond hi ma kienux funzjonabbli peress illi s-socjeta` attrici waqfet is-servizz konness ma` l-istess cards. Difatti Arthur Micallef xehed li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jikkoncerna servizz provdut ta` internet u minn dan il-lat is-socjeta` konvenuta qatt ma lmentat dwar tali servizz. Dan gie anke kkonfermat minn Martin Sultana, direttur tas-socjeta` konvenuta. Anzi dan id-direttur jikkonferma li ma hallasx is-somma minnu dovuta fl-ammont ta` Lm1,249 il-ghaliex kien qed jippretendi refund minghandhom ta` Lm200.

Illi l-provi li tressqu fuq dan il-punt ta` divergenza kienu s-segwenti:-

Arthur Micallef tas-socjeta` attrici xehed li Abigail Sultana ghas-socjeta` konvenuta kienet qaltlu li xtaqet tirritorna b’kemm jiswew Lm500 cards peress illi ma kienux bieghuhom u mhux il-ghaliex ma kienux funzjonabbli.

Illi jirrizulta li dawn il-cards baqghu sal-gurnata ta` llum fil-pussess tas-socjeta` konvenuta – qatt ma gew ritornati u anqas depozitati l-Qorti.

Kemm l-istess Arthur Micallef u kif ukoll Joe Cilia (socjeta` attrici) kkonfermaw bil-gurament taghhom li dawn il-cards ghadhom funzjonabbli u jistghu ghalhekk liberament jinbieghu. Fil-fatt dan

l-ahhar xhud ikkonferma li 79% tal-cards mixtrija mis-socjeta` konvenuta ntuzaw u li l-kumplament tal-21% sa issa mhux uzati jistghu jigu liberament uzati peress illi s-servizz konness ma` dawn il-cards telefonici ghadu fis-sehh.

Din l-affermazzjoni tikkontrasta max-xhieda ta` Martin Sultana ghas-socjeta` konvenuta li bil-gurament tieghu allega li certa klijenti lmentaw mieghu li xi cards mibjugha ma hadmux (minhabba xi connection problems) u ghalhekk ma baqax ibiegh minn dawn il-cards. Tali stqarrija ta` Sultana ma hi kredibbli xejn oltre li hija konfliggenti ma` dak li ntalab minnu originarjament. Huwa jghid li xtara b'kemm jiswew Lm300 cards filwaqt li fir-risposta u kontro talba tieghu huwa qed jitlob ghal Lm500. Barra minnhekk qed ighid li b'kemm jiswew Lm200 cards biss kellhom il-problema. Barra minnhekk jirrizulta li huwa ma kienx il-persuna li affaccja connection problems fuq dawn il-cards pero` kienu xi klijenti njoti. Huwa difatti naqas li jipproduci prova wahda sew dokumentarja cioe` l-card infisha u sew permezz ta` xhieda viva voce cioe` klijenti mhux moqdija biex tissostanzja din l-allegazzjoni ta` problema fuq il-cards – u dana kollu meta l-istess cards kienu u ghadhom fil-pussess tieghu. Anzi fuq domanda tat-Tribunal dan id-direttur tas-socjeta` konvenuta jammetti li qatt ma kiteb u qatt ma mar ghand is-socjeta` attrici biex jirrisolvi din l-allegata problema li affaccjaw il-konsumaturi tieghu. Lanqas ma kien f'posizzjoni jispjega x'kien l-arrangament dwar cards mhux mibjugha. Jaf biss li setghu jaghmlu ordnijiet ohrajn wara li jbieghu l-cards ta` l-ordni precedenti.

Barra minnhekk wiehed ma jridx jinsa lanqas li t-talba originali tas-socjeta` konvenuta kienet sabiex jiehdu refund fuq cards mhux mibjugha u mhux refund ghal cards difettuzi. Illi ghalhekk l-allegazzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta tinsab manifestament mhux ipprovata.

> Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad ir-risposta u l-kontro talba prezentata mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Euro 2,911.09c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data rispettiva ta` kull fattura u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.**"**

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta fil-kuntrast ta' din is-sentenza huma fis-sens li gej:-

(1) It-Tribunal ma tax kaz illi bil-kontumacja tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-kontro-talba taghha dik l-istess socjeta` ma offriet ebda difiza u b'hekk jigi li hi ammettiet il-kontro-talba;

(2) It-Tribunal skarta ghal kollox ix-xhieda ta' Martin Sultana li l-*cards* telefonici ma kienux funzjonabbli;

In mertu ghall-ewwel aggravju l-osservazzjoni principali li trid issir hi din. Il-kontumacja hi fatt processwali li tiddetermina biss certi effetti specifici. Indubbjament, kif ritenut, "l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu isititut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa." ("**Vivian Charmaine Mizzi -vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju, 2001). B'egwal forza magguri dan huwa hekk il-kaz fi procedimenti quddiem it-Tribunal specjali adit, kif issuggerit mill-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 380. Ara ad ezempju "**Gasan Mamo Insurance Agency Ltd *nomine* -vs- UCIM Co. Ltd**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 23 ta' Novembru 2005 u s-sentenzi f'din referenzjati. Ukoll minn din l-ottika ma jistax jinghad li kienet tezisti qaghda ta'

dizinteress fir-rapport gudizzjali da parti tas-socjeta` attrici appellata, ghax ir-rapprezentanti taghha attenda dejjem ghas-seduti;

Bit-tieni osservazzjoni, il-Qorti trid tissottolineja illi, fiha nfisha konsiderata, il-kontumacja ma tista' tassumi ebda sinjifikat probatorju ghaf-favur tat-talba principali jew, fejn ikun il-kaz, b'suffragju ghall-kontro-talba, in kwantu din ma tekwivali ghall-ebda manifestazzjoni ta' xi volonta` favorevoli ghall-pretiza tal-kontro-parti. Anzi, il-bazi tal-pretensjoni tibqa' inalterata u tibqa' wkoll ikkontestata. Hu sew maghruf illi l-kontumacja ma ggib ebda deroga ghall-principju tal-piz tal-prova u, ghalhekk, il-gudikant jibqa' fid-dover li jistharreg jekk it-talba jew il-kontro-talba hijiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut jew, skond il-kaz, ta' l-attur. Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-24 ta' Novembru, 1934 fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**";

Jikkonsegwi minn dan li nghad illi anke kieku stess ghall-grazzja ta' l-argoment biss, is-socjeta` attrici baqghet fi stat kontumacjali di fronte ghall-kontro-talba, dak l-istess stat ma seta' jassumi ebda tifsira probatorja ghaf-favur ta' dik il-kontro-talba. Kuntrarjament ghal dak dedott mis-socjeta` appellanti, il-kontumacja ma tikkomporta ebda ammissjoni tal-fatt dedott jew abbandun ta' kull eccezzjoni li s-socjeta` attrici setghet taghti fil-kawza. Kien jaggrava dejjem fuq l-istess socjeta` appellanti li ssostni l-fatt kostitutiv tal-kontro-talba u, hi, dan l-oneru baqghet ma skarikatux, la ghall-konvinciment tat-Tribunal u lanqas, ukoll, ghal din il-Qorti fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi;

Ir-rizultat ahhari li jinzel mill-kumpless tal-provi, kompriza x-xhieda ta' Martin Sultana dettaljatament skrutinata mit-Tribunal, ma jistax hlief ikun wiehed. Jigifieri, dak li s-socjeta` konvenuta appellanti ma pprovatx l-oggett tal-kontro-talba taghha. Dan sew ghal dik li hi l-*causa petendi* taghha, sew ukoll ghall-ammont pretiz. Ma jistax

ma jigix rifless illi mentri l-premessa ghat-talba fl-ammont ta’ Lm500 hi koncepita fuq il-bazi li s-socjeta` attrici waqfet is-servizzi taghha, (fl-istess sens ukoll hi arginata l-eccezzjoni), minn dak li jinzel mit-testimonjanza tax-xhud imsemmi a fol. 23, il-pretiza tas-socjeta` appellanti ghar-*refund* tal-valur tal-*cards* (Lm200) hi bazata fuq is-sottomissjoni illi xi klijenti tieghu u li lilhom biegh minn dawn il-*cards* kellhom “*connection problems*”. Intant, l-istess socjeta` appellanti lanqas ma pproduciet xi hadd minn dawn il-klijenti ghall-konferma ta’ din l-asserzjoni taghha;

Meta din is-sitwazzjoni tigi imbaghad akkoppjata mad-dikjarazzjoni illi “l-*cards* ghadhom ‘*usable’* u jistghu jinbieghu facilment” (ara deposizzjoni ta’ Arthur Micallef ghas-socjeta` attrici, fol. 14), l-ezitu ma jistax ikun divers minn dak li wasal ghalih it-Tribunal;

Huwa inutili, jekk mhux ukoll futili, illi s-socjeta` appellanti tittanta ggib ‘il quddiem bit-tieni ilment taghha l-kwerela tal-falz ghaliex, ukoll b’ezami superficjali, ma tidherx mill-atti illi tezisti n-necessita` jew il-gustifikazzjoni li l-Qorti toqghod taghmel indagini, ukoll wiehed preliminari, ghall-accertament ta’ l-ezistenza, o meno, tal-presupposti taghha. Din l-allegazzjoni hi nieqsa minn kull fondament u, anzi, hi inopportuna in kwantu tirripunja, mhux biss ghal min lilu qed tigi attribwita x-xhieda falza, izda wkoll ghall-intelligenza ta’ din il-Qorti.

Ghall-motivi kollha predetti u dawk l-ohra tat-Tribunal, il-Qorti qed tirrespingi ghal kollox u b’mod assolut l-aggravji lilha sottomessi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------